



Proċedura tal-gverta tat-tajran sterili

NPA/CRD RELATATA: 2012-06 — RMT.0416 (OPS.009(A)) U RMT.0417 (OPS.009(B)) — 10/06/2013

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din l-Opinjoni tindirizza kwistjoni tas-sigurtà relatata mal-proċeduri tal-gverta tat-tajran. Ir-rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà marbuta ma' din il-kwistjoni ġew ivvalutati matul l-iżvilupp ta' din il-proposta.

L-għan speċifiku ta' din l-Opinjoni huwa li tnaqqas ir-riskji marbuta mal-iżbalji minħabba t-tfixkil jew id-distrazzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira matul il-fażijiet tat-titjira fejn l-ekwipaġġ tat-titjira jrid jiffoka fuq dmirijietu.

Din l-Opinjoni tipproponi li tintroduċi l-kunċett ta' gverta tat-tajran sterili, biex tiġi kkunsidrata l-fażi ta' sewqan tal-ajruplani bħala attività kritika għas-sigurtà, u biex jiġu introdotti proċeduri għas-sewqan biex tittejjeb is-sigurtà fuq ir-runways.

Il-bidliet proposti huma mistennija li jżidu s-sigurtà matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira (għall-ħelikopters per definizzjoni dan jinkludi s-sewqan), għall-ajruplani matul is-sewqan, u għal tajran taħt l-10 000 pied, ħlief b'tajran b'veloċità normali. Bil-bidliet proposti hija żgurata l-konformità mal-ICAO.

Applikabbiltà		Mappa ta' Proċess	
Regolamenti u Deċiżjonijiet milquta	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012, Deċiżjonijiet 2012/017/R u Deċiżjoni 2012/018/R	Karta ta' kunċett: Le Termini ta' referenza: 12/09/2011 Grupp ta' regolamentazzjoni: Iva Tip ta' RIA: Ħafif	
Partijiet imsieħba milquta:	Operaturi	Konsultazzjoni Teknika matul l-abbozz tal-NPA: Le Data tal-pubblikazzjoni tal-NPA: 11/07/2012 Tul tal-konsultazzjoni tal-NPA: 3 xhur Grupp ta' reviżjoni: Le Data tal-pubblikazzjoni tas-CRD: 13/02/2013	
Orìġini: Referenza:	Sigurtà N/A	Grupp ta' reviżjoni: Le Konsultazzjoni ffokata: Le Data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni: 2015/Q3	

Werrej

1	Informazzjoni proċedurali	3
1.1	Il-proċedura għall-iżvilupp tar-regoli	3
1.2	Struttura tal-Opinjoni u dokumenti relatati	3
1.3	Il-passi li jmiss fil-proċedura	3
2	Nota ta' Spjegazzjoni.....	4
2.1	Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati.....	4
2.2	Għanijiet	6
2.3	Sommarju tal-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju	7
2.4	Tħassib mill-partijiet interessati	7
2.5	Ħarsa ġenerali lejn l-emendi proposti.....	7
3	Referenzi	9
3.1	Regolamenti affettwati	9
3.2	Deċiżjonijiet affettwati	9

1 Informazzjoni proċedurali

1.1 Il-proċedura għall-iżvilupp tar-regoli

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") żviluppat din l-Opinjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku")¹ u l-Proċedura ta' Regolamentazzjoni².

Din l-attività ta' regolamentazzjoni hija inkluża fil-Programm ta' Regolamentazzjoni tal-Aġenzija għall-2012 – 2015 taħt RMT.0416 (OPS.009(a)) u RMT.0417 (OPS.009(b)). Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kompitu ġew iddefiniti fit-Termini ta' Referenza relatati (ara l-mappa tal-proċess fl-ewwel paġna).

L-abbozz tat-test ta' din l-Opinjoni ġie żviluppat mill-Aġenzija b'appoġġ mill-Grupp ta' Regolamentazzjoni RMT.0416 (OPS.009(a)) u RMT.0417 (OPS.009(b)). Il-partijiet interessati kollha ġew ikkonsultati permezz ta' Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2012-06³. Waslu 134 kumment minn partijiet interessati, inkluż l-industrija u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni.

L-Aġenzija indirizzat u wieġbet għall-kummenti rċevuti dwar l-NPA. Il-kummenti rċevuti u t-tweġibiet tal-Aġenzija huma ddokumentati fid-Dokument ta' Rispons għall-Kummenti (CRD) 2012-06⁴.

It-test finali tal-Opinjoni (jiġifieri n-Nota ta' Spjegazzjoni u l-abbozz tar-Regolament) ġew żviluppati mill-Aġenzija.

Il-mappa tal-proċess fl-ewwel paġna ta' hawn fuq tiġbor il-miri ewlenin ta' din l-attività ta' regolamentazzjoni.

1.2 Struttura tal-Opinjoni u dokumenti relatati

Kapitolu 1 ta' din l-Opinjoni jinkludi l-informazzjoni proċedurali relatata ma' dan il-kompitu. Kapitolu 2 "Nota ta' Spjegazzjoni" jispjega l-kontenut tekniku ewlieni, inkluż l-għanijiet, jiġbor fil-qosor il-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju mogħti fl-NPA, jagħti l-informazzjoni dwar it-tħassib tal-partijiet interessati, u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-emendi proposti. Kapitolu 4 jinkludi dawn ir-referenzi. L-abbozz tat-test tar-regola propost mill-Aġenzija huwa ppubblikat bħala dokument separat fuq il-websajt tal-Aġenzija⁵.

1.3 Il-passi li jmiss fil-proċedura

Din l-Opinjoni tinkludi l-bidliet proposti fir-Regolamenti tal-Unjoni. L-Opinjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea, li sejra tużaha bħala bażi teknika biex tnejji proposta leġiżlattiva.

Id-Deċiżjoni li tinkludi l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) u l-Materjal ta' Gwida (GM) relatat sejra tiġi ppubblikata mill-Aġenzija meta r-Regoli ta' Implimentazzjoni relatati jiġu adottati mill-Kummissjoni.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 6/2013 (ĠU L 4, 9.1.2013, p. 34).

² L-Aġenzija hija obbligata li ssegwi proċess ta' regolamentazzjoni strutturat kif meħtieġ mill-Artikolu 52(1) tar-Regolament Bażiku. Din il-proċedura ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u hija magħrufa bħala l-"Proċedura ta' Regolamentazzjoni". Ara d-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ tal-opinjoni, l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u l-materjal ta' gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni), Id-Deċiżjoni Nru 012012 tal-MB tal-EASA.

³ F'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament Bażiku u l-Artikoli 5(3) u 6 tal-Proċedura ta' Regolamentazzjoni; NPA disponibbli minn <http://easa.europa.eu/rulemaking/r-archives.php>.

⁴ Disponibbli minn <http://easa.europa.eu/rulemaking/r-archives.php>.

⁵ Disponibbli minn <http://easa.europa.eu/agency-measures/opinions.php>.

Għal għanijiet ta' informazzjoni, l-Aġenzija ppubblikat l-abbozz tat-test għad-Deċiżjoni tal-Aġenzija relatata li tinkludi l-AMC u l-GM fis-CRD 2012-06.

2 Nota ta' Spjegazzjoni

2.1 Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati

Ħarsa ġenerali lejn il-kontenut tekniku

Matul is-snin, ġie identifikat li meta l-ekwipaġġ tat-titjira jonqos milli joqgħod attent meta jwettaq il-kompitu assenjat lilu u jinvolvi ruħu f'attivitajiet li mhumiex relatati direttament mal-fażi attwali tat-titjira jista' jseħħ aċċident jew inċident. Dawn l-attivitajiet huma konversazzjonijiet estranji, sejħiet lill-ekwipaġġ tal-kabina fuq materji mhux essenzjali, sejħiet bir-radju mhux pertinenti, avviżi ta' indirizzar lill-pubbliku, eċċ. Huwa ċar, li l-possibbiltà li jkun hemm żball tiżdied meta l-ekwipaġġ tat-titjira jiġi mfixkel jew distratt mir-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu. Il-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw minn tali tfixkil jew distrazzjoni jinkludu devjazzjonijiet mill-altitudni, devjazzjonijiet mill-kors, vjolazzjonijiet tar-runway, u tluġh u nżul mingħajr approvazzjoni.

Fid-dawl tar-riskju għas-sigurtà, l-ekwipaġġ tat-titjira jrid jiffoka fuq dmirijietu mingħajr ma jiġi mfixkel jew distratt minn kwistjonijiet mhux relatati mat-titjira, kull meta jkun meħtieġ, matul il-moviment tal-inġenju tal-ajru. Dan huwa speċjalment minnu għall-fażijiet kritiċi għas-sigurtà tat-titjira. Huma fis-seħħ jew sejrini jidhru fis-seħħ fil-futur qarib (meta jkunu ġew adottati l-Opinjoni tal-Aġenzija Nru 01/2012⁶ u Nru 02/2012⁷ mill-Kummissjoni) Regoli ta' Implimentazzjoni u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) u l-Materjal ta' Gwida (GM) assoċjati għall-operazzjonijiet tal-ajru (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012⁸). Madankollu, xorta waħda, l-elementi li ġejjin mhumiex sejrini jiġu inklużi fil-qafas regolatorju:

- a. il-kunċett ta' **gverta tat-tajran sterili**;
- b. il-fażi ta' sewqan tal-ajruplani bħala **attività kritika għas-sigurtà**; u
- c. **proċeduri għas-sewqan** biex tittejjeb is-sigurtà fuq ir-runway.

Il-ħtieġa li jitqiesu dawn l-elementi ġiet deskritta fil-qosor hawn fuq u ġiet spjegata fid-dettall fl-NPA 2012-06. L-Aġenzija ġabret fil-qosor dawn il-kompiti ta' regolamentazzjoni taħt l-intestatura "Proċeduri għal gverta tat-tajran sterili". Dawn il-kompiti huma ffukati fuq l-operazzjonijiet tal-ajru. Wieħed mill-għanijiet ewlenin huwa li tittejjeb is-sigurtà fuq ir-runway permezz tal-introduzzjoni ta' proċeduri operattivi u l-aqwa Prattiki għall-fażi ta' sewqan, inkluż il-proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili. Ir-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-AMC u l-GM huma proposti biex jipprovdu elementi li għandhom jitqiesu mill-operatur meta jistabbilixxi l-proċeduri tiegħu kif ikun rilevanti għall-ekwipaġġ tat-titjira, tal-kabina u dak tekniku għall-fażijiet tat-titjira li ġejjin:

- Il-fażijiet kritiċi tat-titjira kollha (għall-ħelikopters per definizzjoni dan jinkludi s-sewqan);
- Għall-ajruplani matul is-sewqan; u

⁶ L-Opinjoni Nru 01/2012 tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni tal-1 ta' Frar 2012 għal Regolament tal-Kummissjoni li jstabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tal-ajru "Operazzjonijiet tal-Ajru - OPS (Parti-NCC u Parti-NCO)". Din l-Opinjoni tinkludi Parti-NCC (operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru b' magni kumplessi) u Parti-NCO (operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru minbarra dawk b' magni kumplessi) rilevanti għal din l-attività ta' regolamentazzjoni. Disponibbli minn <http://www.easa.europa.eu/agency-measures/opinions.php>.

⁷ L-Opinjoni Nru 02/2012 tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni tas-16 ta' April 2012 għal Regolament tal-Kummissjoni li jstabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tal-ajru "Operazzjonijiet tal-Ajru - OPS (Parti-SPO)". Din l-Opinjoni tinkludi Parti-SPO (operazzjonijiet speċjalizzati) rilevanti għal din l-attività ta' regolamentazzjoni. Disponibbli minn <http://easa.europa.eu/agency-measures/opinions.php>.

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

- Taħt l-10 000 pied 'il fuq mill-ajrudrom ta' tluq wara t-tluq u l-ajrudrom ta' destinazzjoni qabel it-tluq, ħlief għal titjira b'veloċità normali.

Is-sewqan bħala attività kritika għas-sigurtà għall-operazzjonijiet tal-ajruplani

Wieħed mill-punti ewlenin tal-kompiti ta' regolamentazzjoni dwar il-proċeduri tal-gverta tat-tajran kien li tintlaħaq konklużjoni dwar l-"istatus" tas-sewqan tal-ajruplani. Għaldaqstant, l-Aġenzija talbet lill-partijiet interessati fl-NPA 2012-6 biex iwieġbu għall-mistoqsija li ġejja:

Mistoqsija: Is-sewqan tal-ajruplani għandu jkun:

- a. Ittrattat bħala attività kritika għas-sigurtà iżda mhux iddefinit bħala fażi kritika tat-titjira fir-Regoli ta' Implimentazzjoni;
- b. iddefinit bħala fażi kritika tat-titjira, bl-ebda restrizzjoni għall-attivitajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina (jiġifieri sal-lum l-ekwipaġġ tal-kabina jista' jipprovdi servizz lill-passiġġieri); jew
- c. iddefinit bħala fażi kritika tat-titjira, li jillimita l-ekwipaġġ tal-kabina milli jwettaq dmirijiet relatati mas-sigurtà biss?

Mill-25 kummentatur, 15 minnhom wieġbu espliċitament għall-mistoqsija li saret. 12 minn dawn il-15-il kummentatur ippreferew "Tweġiba a" ("sewqan bħala attività kritika għas-sigurtà") bħala tweġiba għall-mistoqsija. Din hija b'mod ċar il-maġġoranza tal-kummentaturi li wieġbu għall-mistoqsija. Dawn il-kummentaturi, minbarra r-raġunament diskuss f'NPA 2012-06, ma pprovdewx raġunament ulterjuri biex jappoġġjaw l-fehma tagħhom. Għandu jiġi nnutat li "Tweġiba a" tiddekrivi l-għażla fuq liema ġie abbozzat it-test regolatorju propost fl-NPA.

"Tweġiba b" ("sewqan bħala fażi kritika tat-titjira bl-ebda restrizzjoni għall-attivitajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina") kienet ippreferuta minn tliet kummentaturi (flimkien ma' kummentatur li qabel dwar "Tweġiba a u b"). Il-punti ewlenin imqajma mill-kummentaturi favur it-"Tweġiba b" kienu:

- "Operazzjonijiet korporattivi u VIP speċifikament jeħtieġu l-ħin ta' sewqan għat-tnejnija."
- "Abbord inġenji tal-ajru kbar, l-attivitajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina ma għandhomx jiġu ristretti. Il-moviment tal-ekwipaġġ tal-kabina liberu matul il-faзи ta' sewqan huwa kontribuzzjoni pożittiva għas-sigurtà tat-titjira kollha kemm hi u għandu effett pożittiv fuq il-passiġġieri."
- Din l-għażla "tagħti stampa konsistenti u koerenti b'mod sħiħ lill-bdoti".

Fl-aħħar nett, l-ebda wieħed mill-kummentaturi ma pprefera "Tweġiba c" ("sewqan bħala fażi kritika tat-titjira b'restrizzjonijiet għall-attivitajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina").

Abbażi tat-tweġibiet rċevuti, l-Aġenzija kkonkludiet li, kif propost fl-NPA 2012-06, is-sewqan tal-ajruplani għandu jiġi ttrattat bħala attività kritika għas-sigurtà, iżda ma għandux ikun iddefinit bħala fażi kritika tat-titjira. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija tal-opinjoni li jekk ma jkun l-ebda restrizzjoni għall-ekwipaġġ tal-kabina matul is-sewqan dan jista' jwassal għal riskju akbar għas-sigurtà tal-okkupanti tal-ajruplan peress li l-ekwipaġġ tal-kabina jista' jiġi distratt minn kompiti oħra mill-attivitajiet kritiċi għas-sigurtà. Għalhekk, l-Aġenzija jaf tagħti bidu għal kompitu ta' regolamentazzjoni fil-futur fejn tikkunsidra li tillimita l-attivitajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina matul is-sewqan għal attivitajiet kritiċi għas-sigurtà.

Rakkomandazzjonijiet għas-Sigurtà

Meta marbuta ma' kompitu ta' regolamentazzjoni, l-Aġenzija għandha l-obbligu li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà fid-deliberazzjonijiet tagħha matul il-proċess ta'

regolamentazzjoni. L-investigazzjoni tal-aċċident li involva McDonell Douglas CD-9-82 fl-Ajruport ta' Madrid-Barajas fl-20 ta' Awwissu 2008 wasslet għal diversi rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà. Ir-rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà li ġejjin huma marbuta ma' dawn il-kompiti ta' regolamentazzjoni:

- a. *SPAN-2011-021: Huwa rakkomandat li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA), biex iżżomm l-inizjattivi ICAO tagħha, tintroduċi fir-regolamenti tagħha, il-kunċett ta' fażijiet kritiċi tat-titjira u tiddefinixxi dawk l-attivitajiet meqjusin aċċettabbli matul dawn il-fażijiet.*
- b. *SPAN-2011-022: Huwa rakkomandat li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili, meta jevalwaw il-programmi ta' taħriġ tal-operatur, tiżgura li:*
 - *Jiġi enfasizzat il-kunċett ta' kokpit sterili;*
 - *Tiġi enfasizzata l-importanza li jiġu segwiti dawn il-kunċetti, flimkien mal-konsegwenzi ta' disturbi żgħar ukoll; u*
 - *Jiġu inklużi aċċidenti u eżempji fejn in-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti li jnvolvu l-kokpit sterili kien fattur rilevanti.*

Wieheġ jista' jgħid li l-"kunċett ta' fażijiet kritiċi tat-titjira" huwa diġà inkluż fir-regoli eżistenti dwar l-operazzjonijiet tal-ajru u anki f'Regoli ta' Implimentazzjoni tal-futur, eż. kif ġej:

- Definizzjonijiet ta' "fażijiet kritiċi tat-titjira" huma pprovduti fl-Anness I (Definizzjonijiet) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 965/2012; u
- Regoli ta' Implimentazzjoni għall-attivitajiet ikkunsidrati aċċettabbli matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira huma mogħtija fil-Parti-ORO⁹ u fil-Parti-CAT¹⁰ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 965/2012, u huma previsti fil-Parti-NCC¹¹, Parti NCO¹² u fil-Parti-SPO¹³.

Dawn il-kompiti ta' regolamentazzjoni jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà SPAN-2011-021 u SPAN-2011-022 anki aktar bil-miżuri li ġejjin:

- Li tiġi introdotta definizzjoni ta' "gverta tat-tajran sterili";
- Li titwaqqaf ir-relazzjoni bejn il-"gverta tat-tajran sterili" u l-"fażijiet kritiċi tat-titjira";
- Li titwaqqaf il-fażi tas-sewqan bħala attività kritika għas-sigurtà tat-titjira u l-għoti ta' proċeduri għas-sewqan;
- Li titwaqqaf AMC dwar it-taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ li tikkonċerna l-proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili; u
- Li tiġi pprovduta GM dwar l-attivitajiet ikkunsidrati aċċettabbli u kkunsidrati mhux aċċettabbli matul il-ħinijiet ta' gverta tat-tajran sterili.

2.2 Għanijiet

L-għanijiet ġenerali tas-sistema tal-EASA huma ddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku. Din il-proposta sejra tikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali billi tindirizza l-kwistjoni deskritta fit-Taqsima 2.1. L-għan speċifiku ta' din il-proposta, għalhekk huwa li jitnaqqas ir-riskju għas-sigurtà billi jiġu introdotti proċeduri għall-gverta tat-tajran sterili u proċeduri għas-sewqan (taxiing).

⁹ ORO.GEN.110(f) tal-Anness III (Parti-ORO).

¹⁰ CAT.GEN.MPA.105(a)(9) u CAT.OP.MPA.210(b) tal-Anness IV (Pat-CAT).

¹¹ NCC.GEN.105(b) tal-Anness VI (Parti-NCC) tal-Opinjoni tal-Aġenzija Nru 01/2012.

¹² NCC.GEN.105(b) tal-Anness VI (Parti-NCO) tal-Opinjoni tal-Aġenzija Nru 01/2012.

¹³ SPO.GEN.105(b) tal-Anness VIII (Parti-SPO) tal-Opinjoni tal-Aġenzija Nru 02/2012.

2.3 Sommarju tal-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

L-għażliet identifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju (RIA)¹⁴ kienu kif ġej:

- a. Għażla 0: Għażla ta' Linja bażi (l-ebda bidla; ir-riskji jibqgħu kif deskritti fl-analiżi tal-kwistjoni).
- b. Għażla 1: L-ebda regolamentazzjoni, iżda l-operaturi jiġu inkoraġġuti jistabbilixxu proċeduri, kif ikun meħtieġ.
- c. Għażla 2: Regolamentazzjoni għall-proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili għall-fażijiet kollha tat-titjira, għas-sewqan tal-ajruplani u għal titjir taħt l-10 000 pied, ħlief għat-tajran b'veloċità normali, billi jiġu emendati r-Regoli ta' Implimentazzjoni, AMC, u GM, kif ikun xieraq.

Is-sewqan tal-ajruplan huwa ttrattat bħala attività kritika għas-sigurtà, iżda mhux iddefinit bħala fażi kritika tat-titjira.

- d. Għażla 3: Regolamentazzjoni għall-proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili għall-fażijiet kollha tat-titjira u għal titjir taħt l-10 000 pied, ħlief għat-titjir b'veloċità normali, billi jiġu emendati r-Regoli ta' Implimentazzjoni, AMC, u GM, kif ikun xieraq.

Is-sewqan tal-ajruplani huwa ddefinit bħala fażi kritika tat-titjira.

L-impatti l-aktar importanti identifikati fl-RIA għal kull għażla huma s-sigurtà, l-impatt ekonomiku u tal-armonizzazzjoni. Fl-RIA, ġie konkluż li l-Għażla 2 hija l-għażla ppreferuta. Irraġuni ewlenija hija li din l-għażla twassal biex tnaqqas b'mod qawwi r-riskju għas-sigurtà b'impatt raġonevoli fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż tal-Għażla 3 huma mistennija li jkunu ferm oġġla minn dawk tal-Għażla 2 minħabba l-piż addizzjonali għad-definizzjoni tas-sewqan bħala fażi kritika tat-titjira, filwaqt li t-tnaqqis tar-riskju għas-sigurtà huwa biss ftit anqas. Barra minn hekk, l-Għażla 2, b'kuntrast mal-Għażliet 0 u 1, ma tiddevjx mill-manwali u l-pjanijiet ta' azzjoni rikonnoxuti internazzjonalment¹⁵. Madankollu, għandu jiġi nnutat, li l-Għażla 2 ma twassal għal ebda armonizzazzjoni sħiħa mar-Regolament tal-Istati Uniti¹⁶.

2.4 Tħassib mill-partijiet interessati

Kif intqal hawn fuq, wara t-tmiem tal-perjodu tal-kummenti tal-NPA 2012-06, l-Aġenzija rċeviet 134 kumment mill-partijiet interessati. Ġew issuġġeriti xi proposti siewja ħafna għal bidliet fl-AMC u l-GM proposti mill-kummentaturi. Madankollu, ma kienet meħtieġa l-ebda revizzjoni kbira tat-test. Fir-rigward tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, ġew proposti biss suġġeriment minuri għal bidliet. F'CRD 2012-06 hija pprovduta deskrizzjoni ddettaljata tal-bidliet.

Wara l-pubblikazzjoni tas-CRD 2012-06, il-kummentaturi kellhom perjodu ta' żmien ta' xahrejn biex jirreaġixxu għal bidliet inkorporati fis-CRD. B'kolloxx, l-Aġenzija rċeviet ħames reazzjonijiet. Madankollu, fir-rigward tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, ma saret l-ebda proposta biex jiġi mmodifikat it-test.

2.5 Ħarsa ġenerali lejn l-emendi proposti

Proposta ta' regolamentazzjoni Nru 1: Għal din l-attività ta' regolamentazzjoni li tikkonċerna l-proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili, l-Aġenzija qieset il-proposta ta' regolamentazzjoni lejn Aġenzija tal-"Grupp ta' Tmexxija tal-Proċeduri tal-Operazzjonijiet"

¹⁴ Għal dettalji tal-RIA, ara t-taqsimi C tal-NPA 2012-06.

¹⁵ Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili Doc 9870 (An/463), "Manwal dwar il-Prevenzjoni tal-Inkursjonijiet fuq ir-Runways", l-Ewwel Edizzjoni, 2007, u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Inkursjonijiet fuq ir-Runways, Edizzjoni 2.0. Disponibbli minn <http://www.eurocontrol.int/articles/runway-safety>.

¹⁶ Id-dmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira huma preskritti fil-paragrafu 121.542 tal-Parti 121 u l-paragrafu 135.100 tal-Parti 135 tat-Titolu 14 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali tal-Istati Uniti. L-FAA stabbilixxiet ir-"regola tal-gverta tat-titjira sterili" li tiddefinixxi s-sewqan bħala fażi kritika ta' titjira, mhux bħala attività kritika għas-sigurtà.

(OPSG) tal-Awtorità Konġunta tal-Avjazzjoni (JAA), l-ICAO Doc 9870, il-Pjan Ewropew ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni tal-Inkursjonijiet fuq ir-Runways, u r-Regolament tal-Istati Uniti dwar proċeduri tal-gverta tat-tajran sterili. Biex jiġi evitat xi nuqqas ta' ftehim fir-rigward tat-terminu "gverta tat-tajran sterili"¹⁷, l-Aġenzija ddeċidiet li hija meħtieġa definizzjoni ta' dan it-terminu. L-Aġenzija tipproponi li d-definizzjoni li ġejja tiġi inkorporata fir-Regoli ta' Implimentazzjoni fl-Anness I (Definizzjonijiet) fir-Regolament dwar l-operazzjonijiet tal-ajru:

"Kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira sterili" tfisser kwalunkwe perjodu ta' ħin fejn il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira ma jiġux disturbati jew imfixkla, ħlief minħabba kwistjonijiet kritiċi għat-tħaddim sigur tal-inġenju tal-ajru jew is-sigurtà tal-okkupanti."

Il-formulazzjoni tad-definizzjoni hija simili għal dik proposta fl-ICAO Doc 9870 u fil-Pjan Ewropew ta' Azzjoni. L-unika differenzi huma li ġew miżjuda l-frażijiet "jew distratti" u "jew is-sigurtà tal-okkupanti". Dawn il-bidliet huma bbażati fuq proposti li saru matul il-proċess ta' reviżjoni.

Proposta ta' regolamentazzjoni Nru 2: Minbarra d-definizzjoni ta' gverta tat-tajran sterili, ġew stabbiliti proċeduri. L-Aġenzija wasslet għall-konklużjoni li l-operaturi nfushom huma l-aktar kompetenti biex jagħmlu dan. Għalhekk, huwa propost li tiġi emendata l-Parti-ORO, jiġifieri l-paragrafu ORO.GEN.110(f), tar-Regoli ta' Implimentazzjoni billi l-operaturi jintalbu jistabbilixxu proċeduri li josservaw il-kunċett ta' gverta tat-tajran sterili.

Proposta ta' regolamentazzjoni Nru 3: L-Aġenzija ħasset il-ħtieġa li tindirizza l-proċeduri tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għas-sewqan tal-inġenji tal-ajru. L-Aġenzija wasslet għall-konklużjoni li l-operatur għandu jkun obligat li jistabbilixxi tali proċeduri biex jiżgura t-tħaddim sigur u biex ittejjeb is-sigurtà fuq ir-runways. Għaldaqstant, tali regola hija proposta għall-Parti-CAT (CAT.GEN.MPA.125), għall-Parti-NCC (NCC.GEN.120), u għall-Parti-SPO (SPO.GEN.120). L-Aġenzija hija tal-opinjoni li tali regola mhijiex meħtieġa għall-Parti-NCO, peress li dan ifisser li s-sewqan fl-operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru minbarra dawk b'magni kumplessi jkun regolamentat iżżejjed¹⁸.

Kolonja, 10 ta' Ġunju 2013

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv
(iffirmat)

¹⁷ Fit-test propost għall-emenda tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-AMC, u l-GM, it-terminu "kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira sterili" minflok "gverta tat-tajran sterili" jintuża b'mod konsistenti mat-terminu użat fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012.

¹⁸ Minkejja li mhija proposta l-ebda Regola ta' Implimentazzjoni għall-Parti-NCO, l-Aġenzija hija tal-opinjoni li għandha tiġi introdotta GM għas-sewqan tal-ajruplani tal-Parti-NCO. Dan sejjer jitwettaq fid-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv li sejra tiġi ppubblikata mill-Aġenzija meta jiġu adottati r-Regoli ta' Implimentazzjoni mill-Kummissjoni. Għall-abbozz tat-test għal-GM, ara s-CRD 2012-06.

3 Referenzi

3.1 Regolamenti affettwati

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

3.2 Deċiżjonijiet affettwati

Id-Deċiżjoni 2012/017/R tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-24 ta' Ottubru 2012 dwar il-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u l-Materjal ta' Gwida għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, "Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u Materjal ta' Gwida għall-Parti-ORO". Disponibbli minn <http://easa.europa.eu/agency-measures/agency-decisions.php>.

Id-Deċiżjoni 2012/018/R tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-24 ta' Ottubru 2012 dwar il-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u l-Materjal ta' Gwida għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, "Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u Materjal ta' Gwida għall-Parti-CAT". Disponibbli minn <http://easa.europa.eu/agency-measures/agency-decisions.php>.